**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 28 – IT-TNEJN, 30 TA' NOVEMBRU 2020 FIL-5.35pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier (5.55pm) |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 27**

1.1 Is-Sur Joe Aquilina ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 26**

2.1 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex isiru marki ta' 30k/m fi Triq il-Mensija. Għandha ssir talba lil TM biex dawn isiru minnhom.

2.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici rrimarka li x-xogħol tal-qtugħ ta' ħaxix ħażin fi Triq ir-Rummien sar. Hu reġa' sostna li għandu jsir residents parking madwar San Ġwann kollu.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-5.55pm.
.

**3 Pagamenti Numru 29**

3.1 Is-Sur Joe Aquilina ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Dwar il-workshop li sar fuq mezzi alternativi għat-trasport, ġie innutat suċċess kbir. Issa l-pass li jmiss hu li jsir follow-up meeting biex jiġu stabbiliti azzjonijiet li jistgħu jittieħdu kif ukoll jiġu jdentifikati postijiet ġodda fejn jistgħu jitqiegħdu aktar bike rakes kif ukoll jitbiddlu l-bike rakes eżistenti għal dawk Sheffield style.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar Quarter 3 accounts. Ġie innutat surplus konsiderevoli. Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati dawn l-accounts. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm 5 favur u 2 astensjoni.

4.3 Dwar l-AGM għandha tintalab gwida mid-DLG jekk din għandhiex issir peress li jkun hemm ġabra ta' nies fil-magħluq.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposti ta' attivitajiet għal żmien il-Milied Kien hemm proposta minn Cheeramigos u oħra mill-Każin tal-Banda. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata dik minn Cheeramigos bi spiża ta' 600 Euro.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.00pm.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-Managament Letter u r-risposta proposta. Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li tiġi approvata r-risposta. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm 5 favur u 1 kontra.

5.3 Dwar l-ikla tal-Milied tal-Kunsill, għandha tintalab gwida mid-DLG jekk minflok din, jistax issir donazzjoni jew jingħata hamper lill-membri.

5.4 Is-Sindku ppropona biex jiġi rikonuxxut is-Sur Bjorn Vassallo, il-President tal-MFA li hu minn San Ġwann. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil li ssir ċerimonja żgħira fil-Kunsill u jingħatalu tifkira.

5.5 Kien hemm qbil li l-Bord tal-Interview għal post ta' Clerk ikun magħmul minn Trevor Fenech, Tania Borg u Dominic Cassar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

5.6 Dwar l-iskemi finanzjarji SPI 5 u 6 tal-2020 kien hemm qbil li napplikaw għall-proġetti ta' Triq l-Ispika, Ġnien Ġorġ Zarb u Misraħ 11 ta' Frar.

5.7 Dwar il-programm propost mill-Aġenzija Żgħażagħ, IdeAzzjonisti, kien hemm qbil li l-Kunsilliera Tania Borg tkun responsabbli minnu.

5.8 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva mandat mill-Qorti dwar it-tender tal-knis.

5.9 Is-Sindku ppropona li s-Sinjura Charmaine Gauci, waħda mill-ħaddiema tal-Kunsill tingħata promozzjoni għal Skala 13. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

5.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bankina ta' quddiem ir-rovic ser titwessa għal 1.2 metri minn Infrastructure Malta.

5.11 Is-Sindku ppropona l-kunċett ta' green walls f'San Ġwann. Hu ppropona li l-ewwel li jsir ikun fi Triq Bella Vista fejn hemm mural li tqaxxar. Kien hemm qbil fuq dan. Hu nforma lill-Kunsill li għandu laqgħa ma' uffiċjali ta' Ambient Malta kif ukoll mal-PA dwar dan.

5.12 Is-Sindku esprima tħassib dwar żvilupp li ser issir faċċata tal-Knisja fejn dan ser jogħla aktar mill-Knisja u l-linja tal-bini ser toħroġ fuq il-bankina u anke

f'parti mit-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara kif jipproteġi l-lokal minn dan it-tip ta' żvilupp li ser jaffettwa ċ-ċentru tal-lokal.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Trevor Fenech**<br>**Sindku** |